4. **Agħżel it-tifsira t-tajba ta' dawn l-idjomi u kkupjaha fuq l-iskritt.**

| Idjomi | Tifsir |
|---|---|
| a) Arani u la tmissnix. | a) Arani biss.<br>b) Imkabbar. |
| b) B'ruħu u ġismu. | a) Għandu r-ruħ u l-ġisem.<br>b) B'kemm għandu saħħa. |
| ċ) Baqa' jsaffar. | a) Baqa' b'xejn.<br>b) Ma waqafx isaffar. |
| d) Dabbar rasu. | a) Telaq u ma deherx iżjed.<br>b) Dawwar rasu. |
| e) Fanfru. | a) Il-fanfru huwa ħuta.<br>b) Iħobb jiftaħar. |

**(10 marki)**

# TMIEM



# POST TA' *SECURITY GUARD* FIL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

## ĦIN – Siegħa u nofs

## JANNAR 2018

[redacted]

## IL-KITBA KOLLHA TRID ISSIR FUQ L-ISKRITT IPPROVDUT.

### 1. KOMPONIMENT

**Agħżel titlu minn dawn li ġejjin u ikteb dwar <u>200 kelma</u> dwaru. Attent/a għall-ortografija, bini ta' frażi u sentenzi, u tqassim tal-komponiment.**

a) Is-safar għajn ta' ġid. Imma x'inhu dal-ġid skont int?
b) "Kienet ġurnata li minn filgħodu wriet ...". Kompli r-rakkont.
ċ) Xena mill-Port il-Kbir waqt grigalata qawwija.
d) X'tifhem b'ħajja komda?
e) Il-vjolenza domestika.
f) Fil-misraħ tar-raħal. **(40 marka)**

### 2. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha:

Niftakarni tifel żgħir nilgħab ma' tfal oħra tiġrija b'ġebel li konna ntuh sura ta' rota u nitilquh għan-niżla ta' Santa Margerita, Bormla. Oħrajn jitgeddsu f'rokna jilagħbu faraboj*, oħrajn jaqbżu wieħed minn fuq dahar l-ieħor, oħrajn jiġġieldu u jinfexxu fi kliem ħażin. Imma konna tfal u kollox kien jgħaddilna malajr. Ħbieb, mill-ġdid.

Niftakarni ommi tibgħatni għand Lugrez tat-tiġieġ b'serduq biex issewwih. Ħafna mill-Ħdud l-ikla kienet tkun ta' ħaruf li kien jiswielna xelin jew tnejn, u wara li nagħmel il-jum kollu niġri u nilgħab b'dan l-imbierek ħaruf, ommi kienet tieħdu għand Lugrez tħanxarlu għonqu u *tisolħu*. F'nofsinhar konna nagħmlu l-isbaħ festa, l-aktar f'Ħadd il-Għid.

Din Lugrez kellha ħanut ħdejna, u ta' kull filgħaxija kienu jinġabru xjuħ u żgħażagħ ilegilgu terz inbid. Min jilgħab il-karti, min jitħaddet fuq ġrajjiet il-ġurnata, l-aktar fuq il-politikanti ta' dik il-ġurnata, min jintefagħlek fuq bank fir-rokna jdoqqlok orgni tal-ħalq jew jaqbadlek kitarra u jdoqq waqt li tfajla toħroġ tiżżegleg u tiżfen mat-*temp* tad-daqq. Iż-żgħażagħ, u x-xjuħ ukoll, ilebilbu warajha jarawha ddur u mad-dawra lbiesha jogħlew u jikxfu par kuxxtejn bojod ***bħall-alabastru***.

Joħroġ jiżfen u jdur magħha żagħżugħ irqiq u twil, b'mustaċċi rqaq u par barbetti li jwasslu sa 'l isfel minn widnejh, xagħar iswed li jgħatti l-*kozz* t'għonqu.

Kont għadni daqsxejn ta' qarmuċ niddeffes hemm ġew u noqgħod nara dik ix-xena kollha ta' żfin, daqq, tħaddin u ferħ. Ħdejja kienet tiġi tintasab Vanna, bint Lugrez, tfajla bejn wieħed u ieħor tampari: xagħar innukklat, għajnejn suwed kbar iżebbġu, xufftejn żgħar bħax-xufftejn ta' pupa. Fl-innoċenza tat-tfulija konna noqogħdu nilagħbu flimkien barra t-triq tul il-jum taħt għajnejn ommijietna waqt li ras imb ras ma' nisa oħra jingħaqdu qaqoċċa u itlaqhom iġebbdu l-isbaħ siegħa ***ħada*** l-għatba tal-bieb ipaċpċu fuq dik, dak u l-oħra.

Ġużè Chetcuti: **It-Tabib Fonzin** ***u novelli oħra***

*Logħba tat-tfal li kienu jilagħbuha ta' bojja



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**Ikteb "veru" jew "falz" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

1. It-tfal bejniethom qatt ma kienu jiġġieldu.
2. Il-ħaruf kien l-ikla ta' Ħadd il-Għid.
3. Fil-ħanut ta' Lugrez il-parruċċani kienu jaqbduha fuq il-politikanti.
4. It-tfajla żeffiena kienet tkun akkumpanjata minn daqq ta' kitarra jew ta' orgni tal-ħalq.
5. Vanna kienet ħafna ikbar mir-rakkontatur. **(20 marka)**

**Fisser fi kliemek dawn li ġejjin kif użati fis-silta:**

1. tisolħu
2. temp
3. bħall-alabastru
4. kozz
5. ħada **(20 marka)**

### 3. LINGWA

**Daħħal fil-vojt ta' dawn is-sentenzi waħda mill-kelmiet fil-parentesi ħdejhom.**

a) ___________ħafna ilma u kien se jegħreq. (bela', belgħa)
b) Ħareġ il-mutur mill-garaxx u telaq _________.(bih, biegħ)
ċ) Id-___________ tas-siġġu nkiser. (dar, dahar)
d) Qiegħda fuq id-dieta u ___________ qed tiekol. (ftiet, ftit)
e) Missieri __________ kollox fil-karozza. (ġar, ġarr) **(10 marki)**